# S 5.1 L-IBLIET IL-QODMA



**S5.1.4**

Nesploraw mill-inqas belt qadima waħda permezz ta' *fieldwork trip* u fil-proċess nippruvaw nimmaġinaw kif kienet il-ħajja f'dawk iż-żminijiet medjevali.

**NOTI GĦALL-ISTUDENTI, L-GĦALLIEMA, U L-ĠENITURI**



Ma nistgħux nemfasizzaw biżżejjed l-importanza tal-fieldwork biex inkunu nistgħu nitgħallmu dwar il-bliet il-qodma u b'hekk napprezzawhom iktar.

Għalhekk anke fil-każ tal-klassijiet tal-Ħames Sena li jagħżlu li jaħdmu fuq proġett fit-tieni fażi tas-sena, xorta nissuġġerixxu li jsiru *fieldwork trips* għall-bliet il-qodma. Ta' min iħajjar anke lill-ġenituri u mexxejja tal-għaqdiet li fil-ħarġiet ta' tmiem il-ġimgħa u fil-vaganzi, jorganizzaw huma wkoll xi *fieldwork* waqt l-istess ħarġa. Dan jiffranka ħafna ħin prezzjuż lill-għalliema.

Għall-benefiċċju ta' dawk li jixtiequ jmorru fieldwork lejn xi belt qadima, hemm żewġ riżorsi li jistgħu jgħinuhom ħafna: (ir-riżorsi jistgħu jitniżżlu minn fuq il-websajt)

- Video clips li jimxu mar-rotta tal-*fieldwork*
- *Fieldwork Notes*

Meta nkunu fuq is-sit, waqt il-fieldwork, għandna nippruvaw nempatizzaw, jiġifieri npoġġu lilna nfusna minflok in-nies li kienu jgħixu hawn fil-passat. Nimmaġinaw il-ħajja mingħajr il-kumditajiet tal-lum, bla karozzi, bla mezzi ta' komunikazzjoni bħat-telefon u l-Internet, eċċ..

Nippruvaw nempatizza ma' nies ta' livelli soċjali differenti, kemm dawk sinjuri, kif ukoll dawk foqra; nimmaġinaw f'dak iż-żmien x'kienu l-biżgħat prinċipali tagħhom, eż. il-biża' mill-pirati u li jispiċċaw skjavi f'postijiet 'il bogħod minn Malta.